**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke**

# SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 06/2017

**It-Tlieta 30 ta' Mejju, 2017**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat **(Dok. 1)**
Mark Causon – Kunsillier **(Dok. 2)**

**ASSENTI**
Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Jesmar Scicluna - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

6.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Mark Causon talbu li jiġu skużata.

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 05/2017.

6.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 05/K7/2017 kif ippreżentati.

6.2.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.3. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

6.3.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 6.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

6.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1778/17/I** fejn informa lill-Kunsill li l-iskrivani kienu resqu talba lis-Segretarju Eżekuttiv dwar possibilita' li jinbidlu l-ħinijiet tax-xogħol, liema talbiet is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg infurmah li ma kellu ebda oġġezzjoni għalihom. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li dawn it-talbiet għandhom jiġu aċċettata u jiddaħħlu b'effett immedjat mill-1 ta' Ġunju 2017.

6.4.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda u żied li għandha tintbagħat ċirkulari lir-residenti biex ikunu nfurmata bil-ħinijiet il-ġodda.

6.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1535/17/I** kwotazzjoni mingħand MacMed Ltd., **46/1557/17/I** kwotazzjoni mingħand Sigma Ltd., **46/1542/17/I** kwotazzjoni mingħand S&R (Handaq) Ltd., għal żebgħa tal-bankini, fejn ippropona li għandha tintgħażel dik ta' S&R (Handaq) Ltd. abbażi li l-prezz huwa l-aktar vantaġġuż.

6.4.5 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.7 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1584/17/I** mingħand l-ERA dwar l-Environmental Planning Statement (EPS) vis-a-vis l-iżvilupp ta' City Centre, fejn informa lill-Kunsill li fil-jiem li għaddew, saru laqgħat informali ma' rappreżentanti tal-iżviluppatur u ġie spjegat fuq fuq il-proġett propost. Il-kelliem informa lill-Kunsill li fuq parir tal-Perit tal-Kunsill fil-jiem li għaddew u qabel l-iskadenza tal-ERA, ġie ċċirkolat dokument lill-membri tal-Kunsill u eventwalment wara li ma kien hemm ebda kummenti

mill-membri tal-Kunsill, dan ġie sottomess lill-ERA. Il-kelliem ippropona ir-ratifikazzjoni ta' dan id-dokument.

6.4.8 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.4.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.10 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1619/17/I** mingħand il-kuntrattur Charlie Mifsud fejn vis-a-vis l-ammont ta' siġar li tħawlu dan l-aħħar fil-lokal qed jitlob li jiġi kkumpensat l-ammont ta' €59.00 (inkluż il-VAT) għall-bowser ilma extra fil-ġimgħa. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

6.4.11 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.13 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1634/17/I** mingħand il-PAAT dwar il-ġirja fil-lokal b'konessjoni ma' Jum il-Lokal, fejn ippropona li kif sar fis-snin li għaddew il-Kunsill għandu jorganizza numru ta' ġirjiet, liema attivita' għandha ssir bl-għajnuna ta' PAAT u l'issir nhar il-Ħadd 2 ta' Lulju filgħodu.

6.4.14 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.4.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.16 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1638/17/I** mingħand id-DGL dwar Benchmark on the Label of Innovation and Good Governence (EloGE award), fejn ippropona li l-Kunsill għandu juri l-interess tiegħu li jipparteċipa.

6.4.17 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.4.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.19 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1689/17/I** mingħand il-PA dwar DN 00396/17 – Alteration to existing road design layout, fejn jirriżulta li ġiet approvata t-talba tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jqabbad lill-J&K Contractors biex isir ix-xogħol kollu li hemm bżonn.

6.4.20 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.4.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.22 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1702/17/I** mingħand il-Perit tal-Kunsill Cornerstone Architects & Civil Engineers dwar l-istat ta' Triq il-Mediterran, fejn mill-istess rapport jirriżulta li hemm bżonn li jew isir patching sostanzjali bil-hot tarmac forsi tissolva xi ftit il-problema temporanjament inkella jrid isir intervent fejn terġa' issir mill-ġdid peress li jidher li l-materjal li kien intuża minn kuntrattur tal-Gvern lura fis-sena 2005 kien inferjuri u fuq sodda mhux soda.

6.4.23 Wara diskussjoni li saret il-Viċi Sindku Raymond Lanzon ippropona li kopja tar-rapport għandu jintbagħat lil TM u eventwalment lill-Ministru konċernat fejn jintalab l-intervent tagħhom abbażi tal-konklużjonijiet tar-rapport tal-Perit tal-Kunsill.

6.4.24 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.4.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.26 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1740/17/I** mingħand l-Institute of Technology, Humanities, the Arts, Medicine & Science fejn talbu li jorganizzaw wirja ta' pittura fil-Kunsill fl-aħħar ta' Lulju 2017, fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni anke fid-dawl li l-esibituri huma residenti mill-lokal.

6.4.27 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.4.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.29 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1756/17/I** mingħand Electrowaste Ltd. (CCS) fejn talbu laqgħa mal-Kunsill dwar il-possibilita' li jitpoġġew fil-lokal kontenituri li fihom jinġabru ħwejjeġ użata, fejn ippropona li l-Kunsill għandu jilqa' din it-talba.

6.4.30 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.4.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

6.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 22/2017** - Lista ta' kwotazzjonijiet għall-provvista ta' żebgħa. **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 23/2017** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 05/K7/17 u 06/K7/17. **(Dok. 4)**
- **Internal Memo 24/2017** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 05/K7/17 u 06/K7/17. **(Dok. 5)**
- **Internal Memo 25/2017** - Lista ta' ilmenti li saru bejn laqgħa referenza 05/K7/17 u 06/K7/17 u li għadhom pendenti. **(Dok. 6)**
- **Internal Memo 21/2017** - Laqgħa mal-PA dwar l-gholi tal-bini. **(Dok 7)**

6.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 24/2017** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

6.5.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 25/2017** dwar l-ilmenti li kien għad hemm pendenti, fejn talab il-kumment tal-membri tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona:

| **Ref.** | | **Ilment** | **Azzjoni** |
|---|---|---|---|
| 17 | 2017 | Talba sabiex jitneħħew is-siġar tal-akaċja ta' madwar il-blokk taghhom (Triq Pietru D'Armenia) minħabba li r-raġel tagħha ġie diagnosed bil-Fibrosis u qed ikomplu jagħmlulu l-ħsara. Infurmat lill-Kunsill li ċemplet x'imkien tal-agrikoltura (2292 4125) fejn qalula biex iċċempel lill-Kunsill u l-Kunsill ikellem lill-ERA. | Il-Kunsill ser jivverifika mal-ERA jekk hemmx bżonn xi permessi, jekk iva jintalab il-permess u jekk le jitneħħew bil-possibilita' li minflok jinżergħu siġar oħra. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20 | 2017 | Talba biex jiżdied il-ħin ta' kemm tista' iddum bil-karozza fi Triq San Ġorġ Preca sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu iniżżlu x-xirja u t-tfal. Bħalissa l-ħin massimu huwa dak ta' 5 minuti. | Il-Kunsill għandu jitlob il-permess ta' TM biex il-ħin jiżdied għal 15-il minuta. |
| 21 | 2017 | Talba sabiex issir zebra crossing fil-bidu ta' Triq il-Fortizza qabel taqbad in-niżla. | Minħabba r-regolamenti ta' kemm għandha tkun il-bogħod minn kantuniera meta ssir zebra crossing, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li din tkun ta' aktar periklu milli benefiċċju u għalhekk it-talba ma ġietx milqugħa. |

6.5.6 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.6 Jum Pembroke 2017.

6.6.1 Is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti u proposti tal-membri tal-Kunsill. Il-kelliem irrimarka li jkun għaqli kieku din is-sena l-Kunsill jikkunsidra li l-attivita' issir fl-inħawi tal-Knisja.

6.6.2 Wara diskussjoni li saret is-Sindku Dean Hili ppropona li:

- l-Kunsill għandu javviċina lill-Kappillan bil-possibilita' li l-attivita' issir fuq iz-zuntier tal-Knisja;
- li l-Knisja (jekk tkun interessata) tkun involuta vis-a-vis l-provvista bi ħlas l-ikel u xorb għal dawk preżenti;
- li jinkera dawl, sound u palk mingħand l-istess supplier tas-sena li għaddiet;
- Possibilment ikun hemm wirja statika ta' muturi u karozzi amerikana;
- li jiġu avviċinata San u Dan bħala compare; li jiġu avviċinata Destiny Chuckunyere, Janice Mangion, Franklin Calleja u kontanti oħra simili biex iferħu s-serata;
- li studenti li temmew is-6 sena tal-iskola primarja jingħataw ktieb dwar l-istorja tal-lokal bħala tifkira;
- li jingħataw rikonoxximent lil St. Caterine's High School għall-Guinees World Record;
- li jingħataw rikonoxximent lill-istudenti mill-iskola Sekondarja ta' Pembroke li għamlu unur lill-lokal (Quiz Ekoteenz); u
- li kif deċiż fix-xhur li għaddew issir wirja b'konnessjoni mal-istorja milirati tal-lokal fil-bini tal-ITS.

6.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.7 Tender 2017/01 for the Provision of Legal Consultant Services.

6.7.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-offerti kienu nfetħu iżda rrimarka li l-evelwaturi kien għadhom m'għamlux l-evalwazzjoni tagħhom u għalhekk dan l-item għandu jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

## 6.8 Risposta għall-Management Letter tal-Awdituri 2016.

6.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1575/17/I** fejn ippreżenta lill-Kunsill kopja tar-risposta għall-management letter tal-awdituri għas-sena 2016. **(Dok 8)** Il-kelliem ippropona li tiġi approvata kif ippreżentata.

6.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.9 Rapport Annwali Amministrattiv 2016.

6.9.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta lill-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2016. **(Dok 9)** Il-kelliem ippropona li jiġi approvat kif ippreżentat.

6.9.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.10 Flyer informattiv.

6.10.1 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li dan is-suġġett, li kien ġie pospost minn laqgħat preċedenti peress li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat (li kienet il-Kunsillier li talbet li jiġi diskuss dan is-suġġett) kienet skużata, illum ma jistax jerġa' jiġi diskuss peress li reġgħet tinsab skużata u għalhekk irrimarka li dan mhux ser jerġa' jitla' fil-laqgħa jekk ma jerġax ikun hemm talba relatata.

## 6.11 The Goalkeeper Battle 2017 Annual Event.

6.11.1 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li dan is-suġġett, li kien ġie pospost minn laqgħat preċedenti peress li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat (li kienet il-Kunsillier li talbet li jiġi diskuss dan is-suġġett) kienet skużata, illum ma jistax jerġa' jiġi diskuss peress li reġgħet tinsab skużata u għalhekk irrimarka li dan mhux ser jerġa' jitla' fil-laqgħa jekk ma jerġax ikun hemm talba relatata.

## 6.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

6.12.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 10 sa 12)**

6.12.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

6.12.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.12.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.13 Mozzjonijiet.

6.13.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 6.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

6.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:25pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Ġunju 2017 fil-5:30pm.

Konfermati, illum 22 ta' Ġunju, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Dok 1

## Pembroke Local Council at Local Councils

| | |
|---|---|
| **From:** | Evelyn Vella Brincat <evelynvellabrincat@gmail.com> |
| **Sent:** | 30 May 2017 16:35 |
| **To:** | Pembroke Local Council at Local Councils |
| **Subject:** | Today's meeting |

Kevin,

Please excuse me from today's meeting.

Thank you & Regards

Evelyn

Kunsill Lokali
Pembroke
30 MAY 2017
46/1803/17/1

Dok 2

## Pembroke Local Council at Local Councils

**From:** Causon Mark at MSDEC-PARK
**Sent:** 30 May 2017 12:51
**To:** Pembroke Local Council at Local Councils; Cesare Charles at MTI-CSD; Charles Cesare - 2; Council Evelyn Vella Brincat; Hili Dean at Local Councils; Dean Hili; Borg Kevin at Local Councils; Lanzon Raymond at Local Councils; Mark Causon; Ray Lanzon; Vella Brincat Evelyn at Local Councils
**Subject:** Council meeting

Kevin
If i do not manage to attend tonight please register me as excused due to the political campaign.
Regards

Dr. Mark Causon
Project Manager
Rural Development Department
Parks and Initiatives

t +356 22928119 e
mark.causon@gov.mt | www.environment.gov.mt
Maltese Presidency of the Council of the EU www.eu2017.mt

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE
TA' QALI PARK, TA' QALI, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

---

**From:** Borg Kevin at Local Councils **On Behalf Of** Pembroke Local Council at Local Councils
**Sent:** Tuesday, 30 May 2017 11:37
**To:** Causon Mark at MSDEC-PARK; Cesare Charles at MTI-CSD; Charles Cesare - 2; Council Evelyn Vella Brincat; Hili Dean at Local Councils; Dean Hili; Borg Kevin at Local Councils; Lanzon Raymond at Local Councils; Mark Causon; Ray Lanzon; Vella Brincat Evelyn at Local Councils
**Subject:** FW: FW: Planning Applications f'Pembroke.

***Kevin Borg***
***Segretarju Eżekuttiv***

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776.
Malta

Tel : +356 2137 2111
Email : pembroke.lc@gov.mt
Web Site : www.pembroke.gov.mt

Kunsill Lokali Pembroke
30 MAY 2017
46 / 1799 / 17 / 1

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail.*

*This message may contain sensitive information and is intended solely for the individual named. If you are not the intended recipient you should not disseminate, distribute or copy the contents of this e-mail. If you have received this message by mistake, please notify the sender immediately and permanently destroy both the message and its contents. The security, reliability of delivery and integrity of this e-mail transmission cannot be guaranteed as information could be modified in transit or may contain viruses. The sender, therefore, does not in any way accept any liability that may arise through this message.*

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 022/2017** **26 ta' Mejju 2017**

## Kwotazzjoni għal Zebgha

Il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għal zebgha sabiex jinzebghu il-bankini ta' Triq Sir Luigi Preziosi, Triq Bize Mizzi Vassallo u il-President Anton Buttigieg.

| | |
|---|---|
| S&R Ltd | €41.30 per 10 litres VAT inkluz |
| Sigma | €47.86 per 5 litres VAT inkluz<br>€178.42 per 20 litres VAT inkluz |
| Mac Med | €28.00 per 5 litres VAT inkluz |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 23/2017** **29 ta' Mejju 2017**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 05/K7/17 u 06/K7/17

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 25/04/2017 | Laqgha tal-Kunsill numru 05/K7/2017 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 03/05/2017 | Laqgh ma' l-Awtorita tad-Djar dwar it-tibdiel fil-landscaping | Awtorita tad-Djar | Kevin Borg |
| 04/05/2017 | Laqgha ma' Lino Spiteri Foundation dwar l-impjieg ta' Ms. Bianca Fiorini | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 05/05/2017 | Konferenza mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali dwar Monitoraġġ u Sapport | Dolmen Hotel | Kevin Borg |
| 11/05/2017 | Intervista ma' Jane Caruana dwar il-Victoria Lines | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 12/05/2017 | Laqgha mal- Planning Authority dwar l-gholi tal-bini gewwa Pembroke | Planning Authority | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 15/05/2017 | Laqgha mas-Sur Victor Camilleri dwar il-Fun Run fl-okkazjoni ta' Jum Pembroke | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 18/05/2017 | Invit lis-Sindku minghand l-iskola St. Catherine sabiex jiehu sehem bhala xhieda fil-Guiness Word Record li ser jaghmlu | Skola St. Catherines | Dean Hili |
| 22/05/2017 | Instema PA 00013/17 | Planning Authority | Kevin Borg |
| 25/05/2017 | Laqgha ma' Erika Zammit fejn tablet sabiex taghmel wirja gewwa l-Kunsill | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 29/05/2017 | Laqgha dwar 'Upgrading of the primary water network between Ta` Qali reservoir, San Gwann reservoir and Pembroke reverse osmosis plant' | ERA, Marsa | Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 5

**Internal Memo Referenza 24/2017** **30 ta' Mejju 2017**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 05/K7/17 u 06/K7/17

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 78 | 2017 | Pembroke Self Service | Gallettini u xi soft drinks ghall-laqgha tal-Kunsill |
| 79 | 2017 | Mica Med | Tlabna li tissewwa bozza fi Triq Ferdinand Grech |
| 81 | 2017 | B. Grima and Sons | Tlabna jissupplixxi u twaħħal crash barrier fi Triq Tunis minflok il-bollards li hemm eżistenti |
| 82 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex isewwa bozza maqtugha quddiem inOnumru 66 fi Triq Dun Amabile Sisner. |
| 83 | 2017 | J&K Contractors | Tlabna sabiex issir manutenzjoni lil xi balovostri li jinsabu bejn Trejqet Antonio Mallia u Triq ir-Regimenti Maltin. |
| 84 | 2017 | Mica Med | Tllabna sabiex isewwi bozza W014 fi Triq Don L. Rigord. |
| 85 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex isewwi bozza W158 fi Triq Dun G. Farrugia. |
| 86 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex isewwi bozza W078 fi Triq Patri T. Barthet. |
| 87 | 2017 | Nexos | Tlabna jissuplixxu blue and purple filter gel. |
| 88 | 2017 | B. Grima and Sons | Ordni ta' landa zebgha sewda u wahda thinner. |
| 89 | 2017 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jinbidlu 2 tabelli li jindikaw parking bil-bumper il-barra mill-bankina fi Triq Misraħ il-Paċi, No Right Turn fi Triq Arnhem, Blue directional sign fi Triq Sant Andrija u jiġu rranġata tabelli mdawra fl-akwata ta' Ġnien Madre teresa ta' Kalkutta. |
| 90 | 2017 | Corner Stone | Tlabna sabiex tgħin lill-Kunsill fil-proċess ta' kunsultazzjoni li qed isir mill-ERA vis-a-vis l-iżvilupp EA 00007/17 |
| 91 | 2017 | Corner Stone | Tlabna sabiex tgħin lill-Kunsill fil-proċess ta' kunsultazzjoni li qed isir mill-ERA vis-a-vis l-iżvilupp PA00977/17 (EA 00011/17) |
| 92 | 2017 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jissuplixxi 3 laned żebgħa sofor u 3 laned żebgħa bojod |
| 93 | 2017 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jissupplixxi u jwaħħal tabella li tindika li ż-żona hija residenzjali u titwaħħal fi Triq Pietru Rossell (in-naha tar-roundabout) |
| 94 | 2017 | Pembroke Self Service | Tlabna jissuplixxi xi luminata u ilma |
| 95 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex isewwi 2 bozzoz ohra fi Triq Pietro Rossell |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 6

**Internal Memo Referenza 25/2017** **30 ta' Mejju 2017**

# Lista ta' ilmenti li għadhom pendenti bejn il-Laqgħa 04/K7/17 u 05/K7/17

| Referenza | | | Ilment |
|---|---|---|---|
| 17 | 2017 | Catherine Casaletto | Talbet sabiex jitnehhew is-sigar ta l-akacja ta' madwar il-blokk taghhom (Triq Pietru Darmenia) minhabba li r-ragel taghha gie diagnosed bil-Fibrosis u qed ikomplu jaghmlulu il-hsara. Cemplet x'imkien ta' agrikoltura (22924125) fejn qalula biex iccempel lill-Kunsill u l-Kunsill ikellem lill-ERA. |
| 20 | 2017 | Juliana Micallef Cann | Talbet biex jizdied il-hin ta' kemm tista' ddum bil-karozza fi Triq San Gorg Preca sabiex il-ġenituri jkunu jistghu inizzlu x-xirja u t-tfal. Bhalissa l-hin huwa ta' 5 minuti. |
| 21 | 2017 | Albert Farrugia | Talab sabiex issir zebra crossing fil-bidu ta' Triq il-Fortizza qabel taqbad in-nizla. |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 7

**Internal Memo Referenza 21/2017** **15 ta' Mejju 2017**

# Laqgħa mal-PA dwar l-għoli tal-bini fil-lokal

Il-laqgħa saret nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2017 fl-4:30pm, fl-uffiċċju tal-PA, Furjana. Għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg. Ħadd mill-Kunsilliera ma kien preżenti.

Għall-PA kienu preżenti s-sur Johann Buttiġieġ (Executive Chairperson) u l-Perit Chris Borg (Direttur tal-Ippjanar).

Is-Sindku Dean Hili beda l-laqgħa billi rringrazzja lill-PA li laqgħu t-talba tal-Kunsill biex tkun diskussa l-preokupazzjoni tar-residenti tal-lokal dwar l-għoli tal-bini f'Pembroke. Il-kelliem irrimarka li f'dawn l-aħħar xhur il-Kunsill innota li daħlu numru t'applikazzjonijiet quddiem il-PA fejn qed jintalab il-permess biex jitwaqqgħu djar u minflok jitilgħu blokki ta' 5 u 6 sulari, li fihom jinkludu aktar minn abitazzjoni waħda. Żvilupp li fl-opinjoni tal-Kunsill imur kontra dak stipulat fin-NHLP minħabba l-għoli fil-bini propost, apparti li dan ser iġib miegħu impatt fuq l-infrastruttura tal-lokal u ser jikkawża problema ta' parkeġġ fost affarijiet oħra. Il-kelliem semma wkoll li tali żvilupp ser jaffetwa l-identita' tal-lokal u jaf ikun ta' dannu fuq il-wirt storiku tal-lokal. Dan peress li l-bini f'Pembroke huwa mdawwar b'ħafna bini ta' żmien il-militar ingliż, liema bini huwa skedat, l'iżda l-iżvilupp propost f'binjiet għolja, jista' joħnoq l-istess patrimonju. Irrimarka wkoll li l-Kunsill huwa tal-opinjoni li meta djar ser jinqasmu f'appartamenti, dawn ser jiddeterjoraw it-tip t'abitazzjonijiet peress li jidher li ser ikunu żgħar ħafna.

Is-Sur Buttiġieġ informa lill-Kunsill li f'dawn l-aħħar snin ma kien hemm ebda tibdil fir-rigward tal-għoli tal-bini permessibbli f'Pembroke abbażi ta' dak approvat skond il-NHLP lura fis-sena 2006. Il-kelliem irrimarka li skond il-NHLP, f'Pembroke huwa permessibbli 3 tipi t'għoli ta' bini, jiġifieri **(A)** 2 sulari + semi basement, **(B)** 3 sulari mingħajr basement u **(Ċ)** 3 sulari + semi basement.

Skond id-dokument DC 2000, l-għoli permessibbli huwa ndikat fit-tabella bit-titlu **Part 2 – Building heights (paġna 9)**

Part 2 – Building Heights

*Building Heights - All Buildings except Detached and Semi Detached Dwellings*

2.1 A building shall not exceed the permitted number of floors, as specified in the Temporary Provisions Schemes, the Height Limitation Guidance and Local Plans (or Development Briefs, where applicable), and also the allowable maximum height in metres. The relation of the permitted number of floors to the floor height and the maximum allowable height is shown in the following Table

| Number of Floors[1] | Allowable Maximum Height in Metres | Allowable Maximum Height in Metres With Semi-Basement (Garage)[2] |
|---|---|---|
| 1 | 4.75 | 6.75 |
| 2 | 8.50 | 10.50 |
| 3 | 12.00 | 14.00 |
| 4 | 15.75 | 17.75 |
| 5 | 19.25 | 21.25 |
| 6 | 23.00 | 25.00 |
| 7 | 26.50 | 28.50 |
| 8 | 30.25 | 32.25 |

Notes : (1) - a floor equals 12 + 1 courses ; (2) the height where a semi-basement garage roofed over six courses above the highest finished street level is permitted

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Dan id-dokument kien ġie rivedut fis-sena 2005 fejn dak iż-żmien il-MEPA kienet ikkonċediet li fuq kull propjeta' jista' jingħata l-permess li tinbena penthouse. Estratt ta' dan jinsab f'paġna **84 ta' DC 2005**.

A Except In UCAs penthouses will be permitted on the roof of buildings provided that:

(a) the building is 3 or more floors in height;
(b) the overall height of the building, excluding the penthouse, does not exceed the overall permissible height in metres of the building as shown in the Table in policy 2.1 and as set out in the Temporary Provisions Schemes or the Height Limitation Guidance;
(c) the penthouse should be set back at least 4.25 metres from the front façade of the building and set back 1.8 metres from the back of the building, except that where the penthouse is to be erected on the roof of a building which has a frontage on 2 or more streets, the penthouse shall be set back at least 4.25 metres from each frontage;
(d) the external height of the penthouse is not more than 3.4 metres above roof level;
(e) no washrooms, stairwells (other than in (f) below) will be permitted on the roof of the penthouse;
(f) where permanent means of access (stairwell) to the roof of the penthouse is provided, the highest part of the stairwell

Development Control Policy and Design Guidance 2005 84

B'dan l-iżvilupp, indirettament kull binja ingħatat il-faċilita' li jkollha sular ieħor abitabbli biex b'hekk dawk li qabel kellhom 2 sulari abitabbli issa saru 3, dawk li qabel kellhom 3 sulari abitabbli issa saru 4, u dawk li qabel kellhom 4 sulari abitabbli issa saru 5.

Il-Kunsill ġie nfurmat li dan l-għoli reġa' ġie rivedut permezz tad-dokument DC 2007.

Skond id-DC 2007 ġew ukoll indikata kemm suppost ikunu kbar kull tip ta' abitazzjoni **(paġna 37)**

MEPA will encourage the efficient use of internal and external space when considering applications for new dwellings. Restricted and inadequately sized accommodation will not be acceptable. All new built and rehabilitated housing units shall have a minimum <u>gross floor area</u> as shown below:

- 45 m² for one-bedroom apartment
- 76 m² for two-bedroom apartment
- 96 m² for three-bedroom apartment

However, in development of five or more units, MEPA may permit not more than 20% of the dwellings as one bedroom units excluding penthouse.

Non profit making organisations which are declared as being tax exempt by the Minister responsible for finance in a Legal Notice made for that purpose, and government entities, can benefit from an exemption of the 20% mix rule for one bedroom apartments.
*See also policies 1.1, 3.1, 12.1 and 12.3 in particular*

3.8 Internal Residential Development

Internal development (see the Glossary for a definition of the development to

Hawn il-Kunsill ġie nfurmat li fi żmien it-transizzjoni bejn il-MEPA u l-PA, kien hemm diskussjonijiet fejn il-PA iddeċidiet li semi basement mhux ser jibqa' jiġi mitqies u aċċettabbli bħala abitabbli kif ukoll li l-kunċett ta' għoli f'sulari ġie mibdul f'metraġġ. Dan sar biex jispiċċa l-abbuż li kien qed isir li jiddaħlu aktar sulari u/jew postijiet abitabbli minn dak permess.

Kien hawn li l-PA ifinalizzat id-dokument DC 2015 fejn f'paġna 210 hemm indikat l-għoli permessibbli skond iż-żoni partikulari. Dan kollu jfisser li żvilupp f'Pembroke huwa permessibbli li jkun t'għoli bejn 13.50 metri u 17.50 metri, fejn fl-ewwel lok jista' jkun hemm 4 sulari t'abitazzjonijiet (apparti garaxxijiet taħt il-livell tat-triq), u fit-tieni lok jista' jkun hemm 5 sulari t'abitazzonijiet (apparti garaxxijiet taħt il-livell tat-triq)

Annex 2: Interpretation of Height Limitation

Height limitation shall be interpreted as follows:

| Number of Floors | Allowable Maximum Height in Metres Without Basement | Allowable Maximum Height in Metres With Basement | Allowable Maximum Height in Metres With Semi-Basement |
|---|---|---|---|
| *1* | *7.70* | *8.60* | *9.80* |
| *2* | *11.40* | *12.30* | *13.50* |
| *3* | *15.40* | *16.30* | *17.50* |
| *4* | *19.90* | *20.80* | *22.00* |
| *5* | *22.90* | *23.80* | *25.00* |
| *6* | *26.90* | *27.80* | *29.00* |
| *7* | *29.90* | *30.80* | *32.00* |
| *8* | *33.40* | *34.30* | *35.50* |

Il-Kunsill ġie nfurmat li fid-dokument DC 2015 kien hemm titjib fir-rigward ta' qies tal-abitazzjonijiet fejn dawn kibru fil-qies kif ukoll ġiet eliminata l-possibilita' li żviluppatur jixtri numru ta' djar imissu ma xulxin, jitwaqqgħu u minflok jinbnew l-hekk imsejħa Courts fejn id-dħul għall-abitazzjoni jkun minn speċi ta' bitħa komuni.

3.1.3 Minimum dwelling areas

**P32 MINIMUM DWELLING AREAS AND MIX OF DWELLING SIZES**

A1 A2 A3a A3b A3c A4a A4b

*In order to guarantee that a reasonable quality of residential amenity and living space standards are provided for the range of different sized residential units, the following minimum Gross Floor Areas, as defined in the Glossary, shall be adopted for all new built housing units located in Area Typologies A1, A2, A3a, A3c, A4a and A4b:*

- *55 sqm for a one-bedroom housing unit*
- *90 sqm for a two-bedroom housing unit*
- *115 sqm for a three-bedroom housing unit*

*With regard to Area Typology A3b (semi-detached and full-detached villas and bungalows), the minimum Gross Floor Area will be 150 sqm.*

*In the case of residual developments, the minimum Gross Floor Area will be not less than 55sqm in the case of terraced residential developments and not less than 115sqm in the case of detached and semi-detached dwellings.*

*In the case of existing committed one-bedroom units, which are less than 55sqm only, the Authority may permit the construction of new one-bedroom units with a similar Gross Floor Area. In no circumstance will the Gross Floor Area be less than 45sqm.*

*Quality spaces will not only be achieved by adhering to these minimum areas. In tandem with the quantitative considerations, the design of all dwellings is to be guided by the qualitative provisions in Policy P45 and Guidance G24.*

*In the case of rehabilitated palazzini located within Urban Conservation Areas, while the above areas will be encouraged, the Gross Floor Area for a one-bedroom housing unit may*

Is-sur Buttiġieġ informa lill-Kunsill li l-PA kienet lesta li tikkunsidra li jkun hemm tibdil fl-għoli permessibbli fil-lokal, jekk kemm il-darba issir kunsultazzjoni pubblika fil-format ta' poll/votazzjoni. Kien hawn li l-Kunsill ġie nfurmat li jekk il-Kunsill lest li jforni lill-PA bi stħarriġ pubbliku xjentifiku, l-PA tkun tista' eventwalment tagħmel konsultazzjoni pubblika biex jiġi emendat il-Local Plan, li wara jkun irid jiġi approvat mill-Parlament. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li sakemm ikun qed isir dan il-proċess, il-PA ma tistax twaqqaf li tkompli l-proċess diġa mibdi fuq applikazzjonijiet pendenti nkluż li jiġu deċiża abbażi tal-policies preżenti.

Il-laqgħa ntemmet fis-17:45pm.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 8

**Ref. Tagħna** : 46/1794/17/O/94/370/205/333/264/366
**Ref. Tiegħek** :
**Ref. Interna** : **46/1575/17/I**

30 ta' Mejju 2017

**Dipartiment għall-Gvern Lokali**
26,
Triq l-Arċisqof,
Valletta, VLT 1443.

**Att: Id-Direttur Adrian Mifsud**

## Management Letter 2016

B'referenza għall-Management Letter għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016 **(Kopja annessa),** f'isem il-Kunsill Lokali Pembroke nixtieq ninfurmak li:

### 2.1. Income arising from the Local Enforcement System

Il-Kunsill dejjem jipprova jagħmel dak kollu possibbli biex il-Kumitat Konġunt jipprovdi Accounts Awditjati, iżda peress li s-sena finanzjarja tagħlaq l-istess bħal dik tal-Kunsill, kif diġa ġie rrimarkat anke fi snin preċedenti, dan huwa mpossibbli.

### 2.2. Income from Bye Laws

Il-Kunsill ħa nota tal-kumment u fil-fatt kif indikat fir-rapport, il-Financial Statements ġew emendata waqt il-proċess tal-verifika.

### 2.3. LES Post Regional 10% Commission

Il-Kunsill ħa nota tal-kumment għalkemm, u kif diġa ġie rrimarkat anke fi snin preċedenti, l-invoices tal-LES maħruġa mill-Kunsill huma ġġenerati mis-sistema stess u m'hemm ebda lok li l-Kunsill jista' jemenda dan ir-rapport. Għalhekk il-Kunsill ma kellu ebda kontroll fuq id-deskrepanza li qed issir referenza għaliha. Jirriżulta li d-differenza hija skond liema rendikont jiġi ġġenerat u taħt liema verżjoni, li t-tnejn huma provduta lill-Kunsill minn Loqus Ltd., kumpanija indipendentament mill-operat tal-Kunsill.

## 2.4. System of Council Income Receipting and Invoicing

Kif diġa ġie rrimarkat anke fi snin preċedenti, il-Kunsill ħa nota tal-kumment u jixtieq jirrimarka li l-proċeduri finanzjarja jesiġu li għal kull irċevuta li tinħareġ, din trid tkun fil-format tripliku fejn l-oriġinali tingħata lill-klijent, kopja tinżamm fil-file tad-dħul u oħra tinżamm fil-ktieb ta' l-irċevuti, sistema li l-Kunsill għadu jadotta sallum il-ġurnata.

Is-sistema użata faċilment setgħet tiġi vverifikata mill-Awdituri minħabba li jeżisti audit trail għal kull irċevuta tant li kull irċevuta hija mdaħla fis-Sage individwalment. L-awdituri setgħu faċilment għamlu testing rigoruż ta' verifika bejn dak li hemm fuq is-sage u l-kopji tal-irċevuti. Dan kollu jikkonkludi li l-Kunsill ma jarax il-ħtieġa li jinvesti f'sistema kompjuterizzata sakemm ma tkunx imposta mid-DGL.

## 2.5. Income not recorded in the appropriate accounting period

Il-Kunsill ħa nota tal-kummenti li saru tant li saru l-aġġustamenti mitluba. Ta' min jinnota li l-pagament lill-WasteServ mid-DGL sar fl-24 ta' Marzu 2017, ħafna aktar tard minn meta ġew finalizzata l-Financial Satements kif ukoll wara l-mawra li l-Awdituri għamlu fil-Kunsill u għalhekk il-Kunsill qatt ma seta' jinkludi dawn l-ammonti minn qabel fil-kotba tiegħu. Dan fid-dawl ukoll li qabel din id-data, il-Kunsill qatt m'ingħata ndikazzjoni ċara li kien ser ikun hemm tali pagament u ta' kemm kien ser ikun.

## 2.6. Income recognized on a cash basis rather than on an accrual basis

Il-Kunsill ħa nota tal-kumment u fil-fatt kif indikat fir-rapport, il-Financial Statements ġew emendata waqt il-proċess tal-verifika.

## 2.7. Classification of Income

Il-Kunsill ħa nota tal-kumment u fil-fatt kif indikat fir-rapport, il-Financial Statements ġew emendata waqt il-proċess tal-verifika.

## 3.1. Procurement procedures

Rigward it-tender tal-Installazzjoni, Żamma u Manutenzjoni ta' Street Lighting ta' min jinnota li l-Kunsill mexa ma' dak rakkomandat mid-DGL billi ddelega lir-Reġjun Tramuntana l-proċess li jinħareġ tender wieħed bħala Reġjun. Fid-dawl ta' dan u peress li l-proċess ma kellux jieħu fit-tul, il-Kunsill għażel li jibqa' jagħmel użu mis-servizzi tal-kuntrattur li kien intgħażel minn NHDJC, fejn skond informazzjoni li għandu l-Kunsill jirriżulta li l-kuntratt baqa' jiġġedded minn sena għal sena sakemm jinħareġ tender ġdid. Għalhekk il-Kunsill ma jistax jaqbel mal-kummenti ta' l-Awdituri li l-Kunsill qed jaħdem mingħajr kuntratt.

Rigward il-tender 07/2016 *'Tender for Upkeep and Maintenance of Road Markings'* li ngħata lill-Koptasin, id-dokument li qed issir referenza għalih huwa mimli u ffirmat kif mitlub. Dwar l-Evaluation Report huwa minnu li bi żvista ma ġiex iffirmat mis-Segretarju Eżekuttiv u fil-fatt issa ġie ffirmat.

## 4.1. Categorization of assets and depreciation thereof

Il-kategorija tal-assi li għandha x'taqsam mal-bini għanda rata ta' deprezzament ta' 1% fis-sena fuq bażi ta' 'reducing balance'. La l-pannelli fotovoltajċi, u lanqas l-blinds m'huma mistennija li jdumu għal 100 sena, għaldaqstant dawn qed ikunu deprezzati matul il-ħajja produttiva tagħhom.

Rigward il-blids ukoll, dawn kienu saru tal-qies għat-twieqi speċifiċi li hemm u għalhekk m'humiex ser jiċċaqilqu. Kien għal dan il-għan li dawn ġew inkluża mal-kostruzzjoni bħala diprezzament.

Ta' min jinnota wkoll li l-kummenti li saru, jirrigwardjaw assi l'ilhom fil-Kunsill għal aktar minn 8 snin u mhux li saru tul is-sena finanzjarja kurrenti.

## 4.2. Insurance Policy

Il-Kunsill ser jara li fejn ikun possibbli, iċ-ċifri jkunu aktar viċin il-valur attwali, għalkemm dan qatt ma jista' jkun eżatt peress li l-assigurazzjoni ma tgħalaqx mas-sena finanzjarja u għalhekk, bid-deprezzament dejjem ser ikun hemm avarija bejn l-ammont assigurat u l-ammont ta' l-assi fuq il-kotba tal-Kunsill.

Id-differenza prinċipali hija atribwita għall-proġetti ta' manutenzjoni li saret matul is-snin fejn id-DGL stess qed jirrakkomanda li dawn m'hemmx il-bżonn li jkunu assigurata bħala assi fosthom toroq, bankini, retaining wall, embelishments, eċċ.

## 4.3. The Upkeep of the Fixed Asset Register (FAR)

Huwa minnu li assi antiki għandhom referenzi xi ftit ġeneriċi, iżda l-assi kollha li żdiedu f'dawn l-aħħar snin huma kollha mniżla l-FAR bil-massimu ta' l-informazzjoni nkluża. Apparti minn dan jinżamm file separat fejn fih jinżammu l-fatturi kollha ta' l-Assi tal-Kunsill u għalhekk faċilment jistgħu jiġu identifikata. L-Awdituri iridu jkunu konxji wkoll li ladarba kienu ddaħħlu assi kif irrimarka, it-titlu qatt ma jista' jiġi emendat u huwa nutli li sena wara sena tibqa' ssir referenza għall-assi l'ilhom fil-kotba tal-Kunsill għal numru konsiderevoli ta' snin.

Ta' min jinnota li dan il-kumment huwa kopja ta' dak li ntqal fil-passat, iżda sfortunatament hija ħasra li ma saret ebda referenza li l-assi li ddaħlu ġodda saru kif mitlub.

## 4.4. Reconciliation of the Fixed Asset Register (FAR) to the Financial Statements

Matul is-sena 2016 ser isir eżerċizzju biex naraw li l-valuri bejn l-FAR u n-Nominal Ledger ikunu l-istess. L-awdituri setgħu faċilment irrikonċiljaw li d-deprezzament qed isir komputerizzat mis-sistema tas-Sage, tant li l-Kunsill għamel talbiet lill-kumpanija ICT Ltd għal verifika tat-transazzjonijiet li jsiru ta' kull xahar mis-Sage Evoluzzjoni għas-Sage Pastel, li s'issa risposta għaliha għad ma waslitx.

## 4.5. Assets no longer used by the Council

Il-Kunsill jinnota li għalkemm hemm assi li mhux qed jintużaw dan ma jfissirx li għandhom jintremew. Issa li l-Awdituri għadhom qed jinsistu li dan għandu jsir, allura ser isir eżerċizzju biex dawn l-assi jintremew, xi ħaġa li l-Kunsill għandu riserva dwarhom.

## 4.6. Computer Software

Il-Kunsill ħa nota tal-kumment.

## 4.7. Assets received in kind

Il-Kunsill ħa nota tal-kumment u fil-fatt ittieħdu l-passi biex jiġu rranġata.

## 4.8. Fixed Assets Labelling

Il-Kunsill ħa nota tal-kumment u fil-fatt ser jittieħdu l-passi biex jiġu rranġata. Ta' min jinnot ali l-iżball kien li 3 kompjuters kienu nxtraw f'daqqa u ngħataw referenza waħda. Sussegwentament l-Awdituri kienu talbu li kull kompjuter kellu jingħata referenza separata. Kien hawn li fis-software sar l-aġġustament meħtieġ iżda l-isticker fuq kull kompjuter bi żvista ma ġewx mibdula.

## 4.9. Capital Commitments

Il-Kunsill ħa nota u saret ir-ratifika neċessarja fil-Financial Statements kif indikat mill-Awdituri.

## 5.1. Accruals

Il-fatturi li l-awdituri għamlu referenza għalihom kienu meqjusa bħala dovuti u mhux bħala kredituri peress li fiż-żmien ta' meta ġew iffinalizzati l-kontijiet f'Jannar 2017,

dawn xorta ma kinux għadhom waslu għand il-Kunsill. Eventwalment meta dawn kienu mibgħuta lill-Kunsill mill-fornituri, dawn kienu datati f'Diċembru 2016 iżda kull fattura li waslet fil-Kunsill hija ttimbrati bid-data ta' meta fil-fatt waslet, u dan kollu jista' faċilment jiġi vverifikat mill-awdituri stess.

### 5.2. Supplier Balances

Dak li qed jgħidu l-Awdituri irriżulta minħabba l'fatt li ċekk maħruġ f'Diċembru 2016, mibgħut mill-Kunsill lill-Wasteserv, sal-aħħar tas-sena 2016, kien għadu mhux inkluż fil-kontijiet ta' WasteServ, xi ħaġa li l-Kunsill m'għandux kontroll fuqha. Dikjarazzjonijiet mibgħuta mill-fornituri huma debitament ċċekkjati. Huwa minnu li l-Kunsill ftit li xejn jirċievi statements mingħand fornituri, u dan minħabba l-fatt li l-Kunsill jagħmel ħlasijiet kull xahar tal-kontijiet kollha li jirċievi, wara li dawn ikunu ġew approvata mill-laqgħa tal-Kunsill.

### 6.1. Disclosures required in respect of certain IFRS

Napprezzaw ħafna jekk l-awdituri jispeċifikawlna liema kienu dwan l-IFRS's ħalli nkun nistgħu nirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħna.

### 6.2 Financial Statements presentation

Il-Kunsill ħa nota u saret ir-ratifika neċessarja.

### 7.1. Comparison of Actuals with the Annual Budget observations

Ta' min jinnota l'iva l-Kunsill ma kellux pjanijiet li jagħmel infieq kapitali, iżda tali nfieq isir abbażi tal-andament finanzjari ta' maul is-sena.

Tislijiet,

Avv. Dean Hili
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***

***Kopja :*** ***Awditur Ġenerali, NAO***
***Udituri Lokali – 3a***

Dok 9

Kunsill Lokali Pembroke

# Rapport Annwali Amministrattiv

# 2016

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 5 |
| Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill | 8 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 12 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 15 |
| Ir-Rapport ta' l-Uditur u l-'Financial Statements' | 16 |

Għal darb'oħra qiegħdin inħarsu lura fuq sena oħra ta' xogħol minn Kunsill immexxi minni, l'issa, daħal fir-raba` sena ta' xogħol tiegħu. Kienet sena oħra ta' esperjenza għall-Kunsill b'kompożizzjoni ġdida fejn flimkien imxejna 'l quddiem billi fhimna sewwa l-ħtiġijiet tal-lokalita`, u bil-limitazzjonijiet tagħna rajna kif stajna naġixxu fuqhom filwaqt illi nżommu l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill b'saħħitha.

Żammejna l-lokalita` u l-bżonnijiet tar-residenti l-ewwel u qabel kull konsiderazzjoni oħra u permezz ta' dan l-indirizz, sejrin inħarsu lura fuq numru ta' xogħlijiet li ġew ikkummissjonati u miżuri li ttieħdu tul l-aħħar tnax-il xahar.

Nemmnu bis-sħiħ illi anke jekk wieħed ikollu l-ideat tiegħu kemm qabel u forsi aktar wara li wieħed jidħol għax-xogħol fil-politika lokali, il-limitazzjonijiet fil-mezzi huwa fattur li xi ftit jew wisq iwassalna sabiex l-ewwel u qabel kollox inqisu l-prijoritajiet tal-lokalita` qabel kull kunsiderazzjoni oħra. Dan il-fatt huwa aktar relevanti meta wieħed jikkunsidra li effettivament, l-infieq, jew aħjar l-investimenti tal-Kunsill, jemerġu lkoll minn fond pubbliku ġġenerat mill-istess poplu li aħna ġejna eletti sabiex nirrappreżentaw. Ir-responsabilitajiet tagħna bħala Kunsill lejn iċ-ċittadin huma kbar u nifmuhom, kien għalhekk illi l-għażliet li saru minn żmien għal żmien saru bi studju u b'reqqa. Qis mitt darba u aqta` darba, jgħid il-Malti kliem sagrosant għal kull aġenzija Governattiva, aktar u aktar għall-Kunsill Lokali żgħir bħal tagħna fejn l-għaqal fid-deċiżjonijiet hija l-linja li tifred is-suċċess mill-falliment.

Dan ngħiduħ mhux bi skuża għal xi nuqqasijiet tagħna, imma ngħiduħ għaliex nemmnu li għandna npoġġu għal ġudizzju tagħkom li aħna eletti nirrappreżentaw filwaqt illi nfhemu x'jinvolvi x-xogħol fil-Kunsilli Lokali fejn wieħed irid jaħdem qatigħ b'ottimiżmu, imma sens ta' umilta` u għaqal li jippermettilek tfassal u tipproġetta l-infieq skond il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet li jqumu minn żmien għal żmien. Dan kollu f'moħna, ħarisna 'l quddiem b'enerġija u rnexxielna nwettqu diversi xogħlijiet fil-lokalita` li taw spinta 'l quddiem lill-infrastruttura tal-lokalita` f'diversi żoni prominenti, filwaqt li rnexxielna nassiguraw livell għoli ta' servizz f'dak li għandu x'jaqsam ma' manutenzjoni ta' toroq mhux urbana, soft-areas, ġonna, u tindif ġenerali bi knis ta' żoni urbani.

Dan jingħad partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-kostruzzjoni ta' bankini ġodda f'diversi żoni prominenti fil-lokalitajiet. Aħna konxji li r-residenti tagħna u oħrajn li jżuru l-lokalita` huma kburin b'dak li joffri Pembroke – il-ġmiel naturali ta' matul il-kosta, u t-toroq trankwilli tal-lokalita` huma mfittxija sew minn dawk li jżuruhom għal xi mixja twila. Xtaqna wkoll naraw il-ħtiġijiet ta' bankini f'ċertu toroq li huma magħrufin sew mal-istudenti tad-diversi skejjel li għandna fil-lokalita`.

Kien għalhekk illi wara xhur ta' applikazzjonijiet u permessi, il-ħaddiema tal-Kunsill kienu f'pożizzjoni jibdew diversi xogħlijiet li llum huma prattikament ilkoll konklużi fuq numru ta' bankini u proġetti ta' tisbiħ oħrajn. Ma nistgħux ma nsemmux il-bankini l-ġodda li saru fi Triq ANZAC, Triq Tunis, u oħra fi Triq Tobruk. Sar ukoll xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni permezz ta' bankina oħra fi Triq ir-Reġimenti Maltin flimkien mal-kostruzzjoni ta' ħajt ta' lqugħ għall-ħamrija sabiex filwaqt illi nipproteġu lil min jagħmel użu miż-żona, nipproteġu wkoll dak li jagħti l-karattru lil Pembroke, l-element naturali li tant ħdimna biex ħarisna.

Ewlenin fost ix-xogħlijiet li saru matul l-aħħar tnax-il xahar kien propju l-proġett li sar biswit Blokk 7 fejn saret bankina wara l-Blokk, twaqqa` l-ħajt li kien jifred il-Blokk minn Triq Alamein bil-perikli u l-abbużi kollha li kien iġib miegħu, ġie rranġat il-passaġġ li jagħti minn wara l-Blokk għal Triq Alamein, u sar tisbiħ estensiv fis-soft area wara l-istess Blokk. Kienet l-għażla tal-Kunsill li l-ħajt ta' lqugħ li hemm fi Triq Alamein jiġi msaħħaħ sabiex ma nkomplux nitilfu aktar ħamrija miż-żona msemmija – ħawnhekk irid jingħad li l-Kunsill kien għaqli biżżejjed biex il-ġebel kollu li tneħħa miċ-ċint imsemmi aktar 'l fuq f'dan il-paragrafu, intuża kollu biex ġie rikostruwit l-ilqugħ li kien ilu fil-post minn żmien l-Ingliżi. Ċertament, min jgħaddi miż-żona llum, jista` japprezza l-ammont ta' xogħol li sar u d-dehra ta' din il-parti tal-lokalita` indubjament ħadet spinta 'l fuq f'żona li hija ffrekwentata minn diversi persuni kuljum, residenti, ġenituri u studenti ta' diversi skejjel u istituzzjonijiet edukattivi u governattivi li hemm fl-akwata.

Wara li s-sena li għaddiet sar xogħol estensiv biex għall-ewwel darba ġiet kostruwita bankina fil-parti għolja ta' Triq Burma, kien imiss issa li dan ix-xogħol ikun kumplimentat billi l-bankina issa tkompli wkoll fil-parti eqreb ta' San Ġorġ fl-istess triq. Bħalissa dan ix-xogħol qiegħed joqrob lejn it-tmiem tiegħu fejn ġiet kostruwita l-bankina, sar xogħol estensiv biex it-triq ikollha dawl xieraq, u fil-jiem li ġejjien ser ukoll jiġi nstallat railing ta' livell għoli sabiex nħarsu lil dawk kollha l'issa ser jagħmlu użu mill-istess bankina. Ninsabu tassew kburin bil-mod kif żviluppa dan il-proġett ambizzjuż għalina l'ilu fil-pjanijiet tal-Kunsill issa diversi snin.

Sar ukoll xogħol ta' tisbiħ u upgrading ta' sit li hemm bejn Triq Giorgio Mitrovich u Triq Alamein partikolarment bil-kostruzzjoni ta' ħajt ta' lqugħ matul it-triq kollha, u lampi ġodda kif ser jingħad aktar tard f'dan ir-rapport.

Matul din l-aħħar sena wkoll ġie konkluż proċess twil li jmur lura numru ta' snin; illum, residenti ta' Sit A, żona tal-Housing viċin l-akwati ta' San Ġorġ bdew igawdu minn dawl ġdid li ormai ġie nstallat u jinsab mixgħul wara li għal diversi snin tħallew mingħajr dawl fil-partijiet komuni. Illum dan il-proċess, bix-xogħol tal-Kunsill u bl-għajnuna tal-Awtorita` tad-Djar dan il-proċess ġie konkluż. Illum ninsabu f'sitwazzjoni fejn ngħidu li l-Kunsill għen sabiex issir ġustizzja ma mijiet ta' residenti u l-amministrazzjoni tas-sistemi tinsab f'idejn il-Kunsill. Kien għalhekk li ġiet mnedija skema li permezz tagħha l-Kunsill ikompli ħidmietu favur inizjattivi li jirrispettaw l-ambjent u għal din ir-raġuni ġew installati photo cells kemm f'dawn iż-żoni kif ukoll fil-ġonna tagħna sabiex id-dawl jixgħel awtomatikament skond id-dawl naturali. B'hekk in-nefqa tkun ikkontrollata aħjar u ma jkun hemm l-ebda ħela fil-konsum.

Madanakollu l-Kunsill ma ddejjaq xejn jagħmel l-applikazzjonijiet mal-awtoritajiet relattivi u jkompli jdawwal żoni fil-lokalita`, dejjem skond ix-xewqat tar-residenti tagħna. Kull min jgħix fil-lokalita` tagħna ċertament għandu għal qalbu l-identita` unika tagħha. Ċert li kulħadd preżenti għandu għal qalbu n-natura u l-ispazji miftuħa li niftaħru tant bihom, l-għira ta' ħafna lokalitajiet. Is-serenita` tal-lokalita` matul il-jum, minnaħa l-oħra taf iġġib magħha l-abbużi matul il-lejl u għalhekk fuq talba ta' diversi residenti f'numri ta' żoni, l-Kunsill kompla bit-tnedija tal-pjanijiet għall-installazzjoni ta' dawl ġdid fejn kien meħtieġ. Kien għalhekk li komplejna bl-installazzjoni ta' dawl ġdid fi Triq Patri Serafin Zarb, Triq Camillo Sceberras, żona off Triq Alamein u off Triq Giorgio Mitrovich, Triq Dun Amabile Sisner, Triq Burma – proġett li jikkumplimenta l-bini ta' metri twal ta' bankina ġdida kif ingħad, dawl ġdid fi Triq Tunis, biswit il-bini tal-Pembroke Scouts u oħra biswit il-ĦQ tal-Girl Guides, flimkien ma' dawl ġdid fi Triq San Patrizju.

F'dan l-isfond jingħad illi l-Kunsill matul l-aħħar sena rranġa d-dawl fil-Ġnien Clifford Micallef li fi snin riċenti kien jaqa' taħt ir-responsabbilita' ta' Direttorat tal-Parks. Xtaqna illi nagħtu dehra aħjar, ftit aktar importanza lil dan il-ġnien u llum dan huwa wieħed mill-ġonna li jieħu ħsieb il-kuntrattur tal-Kunsill. Kien għalhekk illi saru diversi xogħlijiet fuq l-istess ġnien partikolarment fuq it-tħaddim mill-ġdid tal-pompa tal-ġiebja bil-benefiċċju li ġġib magħha l-istess faċilita', u xogħol ieħor fuq is-sistema tad-dawl li għal xi żmien ma kienitx sodisfaċenti.

Il-Kunsill perjodikament jirċievi talbiet minn diversi entitajiet u residenti, huwa pjaċir tagħna li nisimgħu x-xewqat tagħkom u naġixxu skond il-ħtiġijiet li tresqu quddiemna – dan huwa dak li jagħmel Kunsill ħaj u relevanti.

F'dan l-isfond ta' min ukoll isemmi li l-Kunsill ħadem mal-kuntratturi tiegħu sabiex għal din is-sena ħrigna b'disinni ġodda ta' dawl dekorattiv tal-Milied fi Triq Normandy, liema dwal ġew għall-ewwel darba estiżi wkoll għat-tul kollu ta' Triq Alamein, flimkien ma' diversi nstallazzjonijiet oħra ta' dawl matul it-triq tal-Knisja tal-lokal. Nittama li dawn jintgħoġbu minkom ir-residenti fil-jiem tal-festi. Il-pjan għal din is-sena r-residenti setgħu jinnotaw kien illi nkomplu nżidu mat-tiżjin u mgħandix dubju li dan kollu għen biex il-lokalita` tagħna tidħol fl-ispirtu tal-festi fi żmien daqstant feliċi.

Il-Kunsill matul is-snin dejjem saħaq fuq l-indafa, partikolarment minħabba l-artijiet pubbliċi kollha li għandna x-xorti ngawdu madwarna. Din is-sena rat diversi attivitajiet ma' numru ta' entitajiet li urew ix-xewqa jew ġew imħajra jinvestu f'aktar siġar fil-lokalita' tagħna. Saru wkoll numru ta' clean ups fl-aktar imkejjen għal qalb ir-residenti u ċittadini oħrajn li jżuru l-lokalita` tagħna. Indubjament, dawn l-inizjattivi ngawdu l-frott tagħhom fil-ġejjieni, fl-aħħar xhur żrajna ż-żerriegħa metaforika li għad trendi l-frott mixtieq.

Għamilna kampanji sħaħ permezz ta' twaħħil ta' bins u tabelli nformattivi fir-rigward tal-ħmieġ tal-klieb b' mod partikolari. B'dispjaċir ngħid illi dan ix-xogħol xi ftit jew wisq jiġi mxekkel minn minoranza ta' persuni li jirrifjutaw li jagħmlu użu mill-bins provduti u jonqsu milli jiġbru l-ħmieġ tal-klieb tagħhom li jitħalla fuq il-bankini tagħna jew fuq il-magħrufa cycle track. Huwa tassew inġust li x-xogħol u l-impenn tal-Kunsill u n-nies tiegħu jiġi mxejjen minn uħud li sfortunatament għad għandhom f'moħħhom li l-indafa tibda u tispiċċa mal-għatba ta' djarhom biss, u mkien aktar.

L-istess jista` jingħad fir-rigward tal-iskart li jinġemgħa madwar l-iskips partikolarment fi ġranet li fihom jinġabar biss skart riċiklabbli. Kien għalhekk li l-Kunsill beda proċess li ser ikun qiegħed jara illi fix-xhur li ġejjien, l-aktar żoni li fihom il-Kunsill jinnota skart illegali mormi ser ikunu qiegħdin imħarsa minn sistemi ta' CCTV u ser inkunu qiegħdin ninsistu biex il-ftit li jirrifjutaw li jikkooperaw, jitresqu quddiem il-ġustizzja. Hija

tassew sfortuna li ċertu ndividwi, uħud minnhom mhux residenti, jirrifjutaw li jagħmlu użu xieraq mis-servizzi provduti.

Konxju tal-fatt illi l-maġġor parti tar-residenti japprezzaw dawn l-isforzi u għandhom tassew l-ambjent tagħna għal qalbhom. Minn hawn nawgura li dan l-interess fiż-żoni miftuħa li jsawru l-lokalita` tagħna jkompli jitkattar sabiex flimkien nassiguraw li ma tintilef l-ebda parti mill-imkejjen naturali li ngawdu.

L-inizjattivi favur l-identita' tal-lokalita' ma naqsux lanqas, fix-xhur li għaddew filwaqt illi l-poplu Malti, partikolarment ir-residenti u l-Kunsilli tal-madwar kienu qiegħdin jiddiskutu l-Paceville Masterplan. Ħassejna illi kellna nissottomettu l-ideat tagħna matul il-proċess ta' konsultazzjoni u tlabna laqgħat mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill iddiskuta l-istess Masterplan u fil-prinċipju ġie maqbul illi l-Kunsill joġġezzjona għal dik il-parti li fiha kien qiegħed jiġi suġġerit waste transfer station fiż-żona tal-Park and Ride. Kien għalhekk illi wara l-istess laqgħa mal-Awtorita` dehrilna li kellna wkoll noħorġu fil-pubbliku biex nipproteġu lir-residenti tal-madwar l'indubjament kellhom opinjoni fuq dak illi kien qiegħed suġġerit. Minbarra dan, saret ukoll oġġezzjoni formali lill-Awtorita', apparti suġġerimenti oħrajn li dehrilna huma neċessarji sabiex jiġi mmitigat l-impatt fuq il-lokalita` u r-residenti tagħna partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija tat-traffiku.

Dan il-Kunsill ħa ħsieb ukoll jorganizza diversi attivitajiet sportivi, filantropiċi u oħrajn soċjali. Rajna fost oħrajn mill-ġdid l-attivitajiet għat-tfal fi żmien il-Karnival u oħrajn fil-festi tal-Milied – kemm għat-tfal u oħrajn għall-anzjani tagħna, hekk kif inhuwa ppjanat li mill-ġdid jiġri din is-sena. Sar ukoll il-kors Read with Me fis-sala tal-Kunsill. Kellna wkoll għal darb'oħra l-attivitajiet tal-librerija fejn ġew mistiedna awturi rinomati għal serata letterarja – minn hawn nirringrazzja lil Lara Calleja li għal dawn l-aħħar snin serviet bħala librara b'tant dedikazzjoni li din is-sena għażlet li tfittex opportunitajiet oħrajn u ma ġġedditx il-kuntratt tagħha mal-Kunsill. Nieħu l-opportunita' wkoll biex nilqa' lil-librara l-ġdida Maria Micallef għax-xogħol fejjiedi li qe dtagħmel.

Fuq din in-nota ta' min isemmi wkoll illi l-Kunsill matul l-aħħar xhur investa l-ammont ta' elf u mitejn Ewro (EUR1,200) f'kotba ġodda. Huwa l-ħsieb tal-Kunsill li jkompli jinvesti f'kotba ġodda biex inkomplu niġbdu lit-tfal u oħrajn ta' eta` akbar lejn il-librerija u l-qari.

Naturalment iċċelebrajna bil-kbir Jum il-Lokalita` u kellna serata mill-isbaħ għal familja kollha – mużika, kant, żfin, u l-ikel u x-xorb ma naqasx. Ninsabu tassew ħerqana biex inkomplu nitgħallmu mill-passat u nwaslulkom attivitajiet aktar divertenti sena wara l-oħra.

Din is-sena wkoll il-Kunsill mill-ġdid tella` numru ta' residenti għal mawra Għawdex, attivita' li għal xi snin kienet nieqsa mill-kalendarju tal-Kunsill, u kif ukoll it-tilqim kontra l-influwenza għal dawk ir-residenti kollha eliġibbli.

Għal darb'oħra sar ukoll it-turnament tal-futbol flimkien ma' Pembroke Athleta Football Nursery fi żmien il-Karnival, u ġew ukoll organizzati l-Pembroke Swieqi Road Races mis-sezzjoni tal-Atletika fi ħdan il-Pembroke Athleta Sports Club, propju t-tnejn u għoxrin edizzjoni. Il-Kunsill għal darb'oħra ħa ħsieb jgħin fil-promozzjoni ta' din l-attivita' li mill-ġdid kienet suċċess kbir għall-klabb. Attivitajiet li prattikament saru parti mill-kalendarju tal-Kunsill u huma mfittxija minn numru sabiħ ta' residenti minn sena għal oħra.

Fuq xena sportiva wkoll, il-Kunsill għall-ewwel darba għen sabiex ittellgħet l-attivita' The Grid, attivita` sportiva ta' sfida kbira għall-atleti li għaliha attendew diversi persuni mix-xena nternazzjonali. Huwa maħsub li din l-attivita` tkompli tittella` kull sena billi tkompli tibni fuq is-suċċessi miksuba din is-sena għal dan aħna kburin li tajna s-sostenn tagħna mill-bidu nett.

Din is-sena wkoll assistejna għal żjara ta' korteżija mis-Sindku ta' Pembroke ġewwa Wales fejn flimkien miegħu l-Kunsill għamel diversi laqgħat flimkien ma' kapijiet ta' skejjel fil-lokalita` tagħna, u laqgħa oħra mal-President tar-Repubblika Marie Louise Coleiro Preca. Kien ta' pjaċir għalina li nospitaw din iż-żjara fejn għal laqgħa fost l-oħrajn attenda wkoll il-Kummissarju Għoli Ingliż.

B'hekk wasalna biex nikkonkludu sena oħra ta' xogħol b'risq il-lokalita` u wara kollox, ir-residenti li jagħmluha ħajja. Personalment nirrikonoxxi li perfetti m'aħniex, iżda b'umilta` ngħid li għamilna l-almu kollu tagħna biex npoġġu 'l quddiem l-interessi tal-lokalita` u r-residenti tagħha. Bħal dejjem, nirringrazzja lill-Kunsilliera sħabi tas-sehem tagħhom, il-Viċi Sindku Ray Lanzon, lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare, u lill-impjegati amministrattivi mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv is-sur Kevin Borg.

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

Fuq nota personali ninkoraġġikom tissieħbu magħna fil-paġna ta' Facebook li nieda dan il-Kunsill fl-ewwel jiem tiegħu. Infakkar ukoll li l-laqgħat tal-Kunsill huma streamed online u għaldaqstant illum huwa faċli aktar minn qatt qabel li wieħed isegwi x-xogħol voluminuż li jsir minn żmien għal żmien. Nirringrazzja wkoll lil dawk li dejjem urew interess fix-xogħol u l-attivitajiet tal-Kunsill, filwaqt li ninkoraġġixxi lil dawk oħrajn sabiex ma joqgħodux lura jikkomunikaw magħna – hekk biss nistgħu nifhmu aħjar u ngħinu lil xulxin. Kif inħobb ngħid, fittxuna u ssibuna.

Finalment nista` ngħid li fadlilna ħafna x'nagħmlu u għad fadlilna ħafna pjanijiet. Sfortunatament xi minn daqqiet il-burokrazija tiegħu prijorita` fuq il-ħtigijiet u trid verament titgħallem taqdef u taħdem fl-ibħra ta' dokumenti, applikazzjonijiet, permessi u stennija żejda biex ċertu inizjattivi jieħdu l-ħajja. Madanakollu aħna kommessi li nkomplu naħdmu fuq il-prijoritajiet ta' Pembroke u għad għandna l-enerġija u r-rieda li nagħmlu dan.

Inħarsu 'l quddiem b'sens ta' ottimiżmu lejn sena ġdida, mimlija sfidi ġodda.

**Avv. Dean Hili**
***Sindku***

## 2.1 Il-Kunsill

L-Elezzjoni tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill saret f'Marzu ta' l-2013 u l-Ħatra tal-Ġurament saret fl-aħħar jiem ta' Marzu stess ta' l-2013.

Iż-Żmien tat-tmexxija tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill huwa mill-1 t'April 2013 sal-31 ta' Marzu 2019. Il-Kunsill huwa kostitwit minn :-

| Kariga | Isem u Kunjom | Rappreżentant |
|---|---|---|
| **Sindku** | **l-Avv. Dean Hili** | **Partit Laburista** |
| **Viċi Sindku** | **Is-Sur Raymond Lanzon** | **Partit Laburista** |
| **Kunsillier** | **Is-Sinjura Evelyn Vella Brincat** | **Partit Nazzjonalista** |
| **Kunsillier** | **Is-Sur Mark Causon** | **Partit Laburista** |
| **Kunsillier** | **Is-Sur Charles Cesare** | **Partit Nazzjonalista** |

Bejn Marzu u Diċembru l-Kunsill kellu lis-Sinjorina Rebecca Spiteri bħala l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

## Sotto Kumitati

| Chairman | | Sotto Kumitat |
|---|---|---|
| **Sindku L-Avv. Dean Hili** | **Kumitat -** | Finanzi; Relazzjonijiet pubbliċi Lokali u Internazzjonali; Ordni Pubblika (inkluż materja legali u relazzjonijiet mal-Pulizija, il-Gwardjani Lokali u l-Kumitat Reġjonali); Awtorita' ta' l-Ippjanar; Informazzjoni Ġenerali; Proġetti Kapitali u Infrastrutturali; Tfassil ta' kuntratti tal-Kunsill u sorveljanza fuq it-twettieq tagħhom; Editur tal-pubblikazzjonijiet kollha tal-Kunsill u komunikati uffiċjali tal-Kunsill; Staff Amministrattiv u Haddiema assenjati mal-Kunsill; Relazzjonijiet maż-żgħażagħ tal-lokal inkluż il-Kunsill taż-żgħażagħ; Ko-ordinament ma' l-għaqdiet sportivi, Scouts, Knisja u NGO's; Tfassil u twettiq ta' bye laws; Rappreżentant ta' ECAD Advisory Board, MIEMA u Anna Lindth Foundation. |
| **Viċi Sindku Raymond Lanzon** | **Kumitat -** | Rappreżentant NHDJC inkluż iż-żamma u l-manutenzjoni tad-dawl fit-toroq; Anzjani nkluż il-ko-ordinament ma' l-Għaqda Anzjani Pembroke; Konservazzjoni, ħarsien u titjieb ta' l-ambjent kollu fil-lokal; Customer care handling (ilmenti); Housing; Attivitajiet Soċjali, Kulturali u tal-massa nkluż open days eċċ. |
| **Kunsillier Evelyn Vella Brincat** | **Kumitat -** | Ħarsien ta' Bini Storiku; Turiżmu; Konfini; Single Parents; Saħħa; Persuni u familji bi bżonnijiet speċjali ; Attivitajiet u Inizjattivi oħra favur il-ħarsien, kura, u drittijiet tal-annimali. |

| | | |
|---|---|---|
| **Kunsillier Mark Causon** | **Kumitat -** | Applikazzjonijiet għall-fondi tal-EU u mplimentazzjoni tal-proġetti relatati mal-EU inkluż dawk edukattivi u ambjentali; Informazzjoni nkluż I.T., Web Page, Facebook, eċċ; Librerija, Edukazzjoni; Kultura; Organizazzjoni ta' kull tip ta' laqgħat t'informazzjoni u korsijiet. |
| **Kunsillier Charles Cesare** | **Kumitat -** | Settur Kummerċjali; Liċenzji u Permessi; Traffiku u Servizzi Pubbliċi; Trasport Pubbliku; |

# Staff

| Impjegat | Grad | Bidu t'impjieg | Tmiem t'impjieg |
|---|---|---|---|
| Kevin Borg | Segretarju Eżekuttiv | 1 ta' Settembru 1997 | |
| Alison Grixti | Assistent Uffiċjal Prinċipali | 15 t'Ottubru 2000 | |
| Kirsty Rizzo | Uffiċjal Eżekuttiv | 1 ta' Lulju 2008 | |
| M. Bianca Fiorini | Support Service | 1 ta' Awwissu 2016 | |

Il-Kunsill jagħmel użu wkoll mis-servizzi ta' :-

| Servizz | Isem / Kumpanija | Rimarki |
|---|---|---|
| **Project Manager u Perit** | Building & Design Construction | Sorveljanza fuq kuntratti ta' xogħlijiet infrastrutturali |
| **Avukat** | Alexia Joy Farrugia Zrinzo & Stefan Zrinzo Azzopardi | Konsulenza Legali |
| **Accountant** | Romina Perici Ferrante | Konsulenza Finanzjarja |
| **Contracts Manager** | Raphael Carabott | Sorveljanza fuq kuntratti ta' servizzi |

## 2.2 Attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill.

| Kariga | Isem u Kunjom | Rappreżentant |
|---|---|---|
| Sindku | l-Avv. Dean Hili | Partit Laburista |
| Viċi Sindku | Is-Sur Raymond Lanzon | Partit Laburista |
| Kunsillier | Is-Sinjura Evelyn Vella Brincat | Partit Nazzjonalista |
| Kunsillier | Is-Sur Mark Causon | Partit Laburista |
| Kunsillier | Is-Sur Charles Cesare | Partit Nazzjonalista |

### Attendenza tal-Membri tal-Kunsill Lokali - 2016

Kunsill Lokali: Pembroke

Isem il-Kunsillier:

| | | Sindku | | Viċi Sindku | | Kunsillier | | Kunsillier | | Kunsillier | | Ambaxxatur | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | D. Hili | | R. Lanzon | | E. Vella Brincat | | M. Causon | | C. Cesare | | R. Spiteri | |
| Numru tal-Laqgħa | Data tal-Laqgħa | Preżenti | Assenti | Preżenti | Assenti | Preżenti | Assenti | Preżenti | Assenti | Preżenti | Assenti | Preżenti | Assenti |
| 01/K7/2016 | 26/01/2016 | X | | X | | X | | X | | X | | Na | |
| 02/K7/2016 | 26/01/2016 | X | | X | | X | | X | | X | | Na | |
| 03/K7/2016 | 23/02/2016 | X | | X | | | X | X | | X | | Na | |
| 04/K7/2016 | 29/03/2016 | X | | X | | X | | X | | | X | X | |
| 05/K7/2016 | 26/04/2016 | X | | X | | X | | X | | X | | X | |
| 06/K7/2016 | 26/04/2016 | X | | X | | X | | X | | X | | X | |
| 07/K7/2016 | 28/05/2016 | X | | X | | X | | X | | X | | | X |
| 08/K7/2016 | 28/06/2016 | X | | X | | X | | X | | X | | | X |
| 09/K7/2016 | 26/07/2016 | X | | X | | | X | X | | X | | X | |
| 10/K7/2016 | 30/08/2016 | X | | | X | X | | X | | X | | | X |
| 11/K7/2016 | 27/09/2016 | X | | X | | | X | X | | X | | X | |
| 12/K7/2016 | 26/10/2016 | X | | X | | X | | | X | X | | | X |
| 13/K7/2016 | 29/11/2016 | X | | X | | X | | X | | X | | | X |
| 14/K7/2016 | 15/12/2016 | X | | X | | X | | X | | X | | | X |
| 15/K7/2016 | 20/12/2016 | X | | X | | X | | X | | X | | X | |
| Total | | 15 | 0 | 14 | 1 | 12 | 3 | 14 | 1 | 14 | 1 | 6 | 6 |

# 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Matul is-sena finanzjarja li għaddiet, il-Kunsill Lokali Pembroke għamel l-almu tiegħu biex jaqdi l-funzjonijiet li hemm indikati fl-Att XV ta' l-1993 u dan sar bi sforz kbir biex ma jispiċċax b'xi bilanċ negattiv fil-kotba finanzjarji tiegħu. Fl-aħħar ta' Diċembru 2016 il-Bilanċ kien ta' **€ 354,299.87.** Dan l-ammont kien maqsum hekk :-

| | | |
|---|---|---|
| **009010703 050** | HSBC - Saving Account | **€ 50,443.16** |
| **009010703 001** | HSBC - Current Account | **€ 16,729.31** |
| **009010703 100** | HSBC - Fixed Account - 30/01/2017 | **€ 300,000.00** |
| **40021345911** | BOV - Current Account | **€ 2,266.54** |
| | Uncashed Chqs HSBC | **(€ 13,786.93)** |
| | Uncashed Chqs BOV | **(€ 1,585.15)** |
| | Petty Cash | **€ 232.94** |
| | Cash in hand | **0.00** |
| | **Total** | **€354,299.87** |

Minn dan il-bilanċ ta' **€ 354,299.87** il-Kunsill għandu jagħmel dan l-aġġustament :

| | |
|---|---|
| Naqqas Accruals (Xogħol lest li għadu ma tħallasx) | (€ 32,668.00) |
| Naqqas Current Deferred Income (Government Grants) | (€ 4,795.00) |
| Naqqas Deferred Income (Fattura tas-sena 2017) | (€ 738.00) |
| Żied Pre Payments | € 2,579.00 |
| Żied Inventarju | € 1,790.00 |
| Żied Debituri | € 4,442.00 |
| Zied Accrued Income (DLG Supplimentary Income -WasteServ) | € 14,343.00 |
| Naqqas Kredituri | (€ 16,735.00) |
| Naqqas Future Commitments | (€ 39,024.00) |
| **Total** | **(€70,806.00)** |
| **Bilanċ finali** | **€283,493.87** |

## 3.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Ir-responsabilitajiet li kellu l-Kunsill għas-sena finanzjarja 2016 kienu:

1. **Ġbir u ġarr ta' Żibel u Skart domestiku**
2. **Tindif tat-Toroq**
3. **Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi**
4. **Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**
5. **Tindif u Manutenzjoni tax-Xtut u Bajja**
6. **Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq**
7. **Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi**
8. **Tindif u Manutenzjoni ta' Toroq u partijiet mhux Urbani**
9. **Żamma, manutenzjoni u nstallazzjoni ta' dwal tat-toroq.**

### Ġbir u ġarr ta' żibel u Skart domestiku

Il-kuntratt tal-ġbir ta' skart qed isir fuq bażi regolari nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ħamis, Ġimgħa u Sibt u kien ikkumplimentat bis-servizz tal-'Bulky Refuse Collection'. Darba fil-ġimgħa sar ġbir ta' skart domestiku goff, bħal m'huma saqqijiet eċċ u dan minn wara l-bieb tal-persuna kkonċernata. Il-ħlas ta' dan is-servizz sar mill-Kunsill Lokali. F'każijiet fejn għad hemm nies li m'humiex konxji ta' l-ambjent u jitfgħu skart goff f'xi nħawi, l-Kunsill ħa azzjoni biex dan jiġi mneħħi kemm jista' jkun malajr. Tkompliet ukoll is-sistema ta' l-użu ta' l-iskips tas-separazzjoni liema servizz jingħata b'effiċjenza. Din is-sena tkompla wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart separat mid-djar, servizz li qed isir fuq bażi Nazzjonali nhar ta' Tlieta.

Il-Kunsill flimkien u bil-koperazzjoni ta' GreenPak, minn żmien għal żmien, iqassam f'kull dar fil-lokal, notifika lir-residenti fejn jiġu mitluba jiġbru mill-Kunsill paketti ta' boroż mingħajr ħlas biex fihom jinġabar skart għar-riċiklaġġ.

Hawn ta' min jinnota li mill-iskema ta' GreenPak, il-lokal ta' Pembroke wieħed mill-uniċi fejn f'ġimgħat partikulari laħaq il-kwota Nazzjonali.

### Tindif tat-Toroq

Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalita' tinżamm fi stat nadif. Il-knis qed jsir f'kull triq tal-lokal darba fil-ġimgħa filwaqt li fit-toroq u żoni prinċipali l-knis isir darbtejn fil-ġimgħa. Sar xogħol biex il-ħaxix li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun ta' spiss.

## Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi

Il-Latrini li għandna fil-ġonna tal-lokal, wara li s-sena li għaddiet inżammu magħluqa, din is-sena nħareġ tender ġdid għat-tindif, żamma u manutenzjoni fejn dan beda jopera b'effett mill-1 ta' April, fejn il-latrini nfetħu kulljum mit-Tnejn sal-Ħadd u ngħata servizz diċenti u kif jixraq lil min jagħmel użu minn dawn il-faċilitajiet.

## Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq

Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul is-sena li għaddiet sar xogħol ta' patching fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar patching fihom għal aktar minn darba.

## Tindif u Manutenzjoni tax-Xtut u Bajja

Dan sar fuq bażi regolari skond il-kuntratt u kien wieħed sodisfaċenti. Ta' min jinnota li l-Kunsill mhux qed iħallas għal dan is-servizz peress li qed jiġi offrut mill-Gvern Ċentrali mingħajr ħlas.

## Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq

Ix-Xogħol tat-tabelli qed isir minn kuntrattur privat fejn il-kwalita' hija tajba għalkemm l-effiċjenza m'hiex daqstant. Sfortunatament il-problema prinċipali hija li t-tabelli tat-traffiku jiġu vandalizzati frekwentament u b'hekk il-Kunsill qed ikollu spiża li tista' tiġi ffrankata bi ftit koperazzjoni minn kulħadd.

## Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi u siġar oħra

Il-Kunsill ħa ħsieb li kemm il-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta, jiġifieri dak ta' Triq Camillo Sceberras kif ukoll Ġnien 4 ta' Lulju li jinsab fi Triq Jum Pembroke jiġu mnaddfa regolarment. Sfortunatament, tul is-sena saru bosta' vendikazjonijiet u saru diversi ħsarat fejn il-Kunsill għamel dak kollu possibli biex kull ħsara li saret ġiet irranġata fl-aqsar ħin possibli.

## Tindif u Manutenzjoni ta' Areas mhux Urbani u Open Areas

Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul is-sena li għaddiet sar xogħol ta' patching fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar patching fihom għal aktar minn darba.

## Tindif u Manutenzjoni ta' Soft Areas

Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul is-sena li għaddiet sar xogħol ta' patching fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar patching fihom għal aktar minn darba.

## L-Amministrazzjoni

Bħala kumment dwar l-amministrazzjoni ta' l-Uffiċċju, nixtieq ngħid li dan ikun miftuħ regolarment mit-Tnejn sal-Ġimgħa f'ħinijiet stabbiliti mill-Kunsill kif ukoll wara li saret ir-riforma, nhar ta' Sibt kif mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Fl-Uffiċċju issib lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u lis-Sinjura Alison Grixti u lis-Sinjorina Kirsty Rizzo bħala skrivani Full Time. Lejn l-aħħar tas-sena l-Kunsill impjega ukoll lis-Sinjorina Maria Bianca Fiorini fuq bażi Part-time taħt l-iskema CIES 2, skema immirata għall-persuni bi bżonnijiet speċjali.

Dawn il-persuni dejjem ikunu lesti jagħmlu l-almu tagħhom biex jilqgħu l-ilmenti u jippruvaw, meta jkun possibbli, jsibu soluzzjoni għall-problemi li jinqalgħu għalkemm dan mhux dejjem ikun possibbli.

## Konklużjoni

Għaddiet sena oħra ta' ħidma ntensiva mill-Kunsill. Sena li fiha saru diversi diskussjonijiet ma' membri tal-Gvern dwar proġetti u inizjattivi li ser isiru fil-lokal fis-snin li ġejja u għalhekk il-Kunsill ħa ħsieb li jressaq il-kummenti u l-pożizzjoni tiegħu dwar dak li ser jolqot il-lokal.



**Kevin Borg**
***Segretarju Eżekuttiv***

# 4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| | | c | b | a | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2016 ATTWALI € | 2016 ESTMI € | 2015 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI/ESTM € | VARJANZA ATTWALI € |
| 2 | Id-Dħul | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 411,351.00 | 378,575.00 | 423,780.00 | 32,776.00 | -12,429.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 13,606.00 | 9,450.00 | 17,870.00 | 4,156.00 | -4,264.00 |
| 0090 | L-Investiment | 176.00 | 60.00 | 368.00 | 116.00 | -192.00 |
| 0100 | Generali | 3,057.00 | | 4,523.00 | 3,057.00 | -1,466.00 |
| | TOTAL | 428,190.00 | 388,085.00 | 446,541.00 | 40,105.00 | -18,351.00 |
| 1 | L-Infiq | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 91,085.00 | 90,037.41 | 86,946.00 | -1,047.59 | -4,139.00 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 246,604.00 | 298,047.59 | 252,784.00 | 51,443.59 | 6,180.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 86,205.00 | | 87,665.00 | -86,205.00 | 1,460.00 |
| | TOTAL | 423,894.00 | 388,085.00 | 427,395.00 | -35,809.00 | 3,501.00 |
| | Bilanc | 4,296.00 | | 19,146.00 | 4,296.00 | -21,852.00 |

| | | |
|---|---|---|
| | Opening Cash and Bank Balances - 01/01/2016 | 322,140.00 |
| Add | Grant Received | |
| Less | Grant Absorbed | |
| Less | Current Deferred Grant | -3,918.13 |
| | Long Term Liability re Council Premises | |
| | Future Commitments | -39,024.00 |
| Add: | Balance (Surplus/(Deficit) | 4,296.00 |
| | **Available Funds** | **283,493.87** |

**Noti:**

# 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2016<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2016<br>ESTMI<br>€ | c<br>2015<br>ATTWALI<br>€ | a-b<br>VARJANZA<br>ATTWALI - ESTMI<br>€ | a-c<br>VARJANZA<br>ATTWALI<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dħul** | | | | | |
| 0000 | **Mill-Gvern ( Brought Forward )** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 378,463.00 | 378,075.00 | 366,389.00 | 388.00 | 12,074.00 |
| 0002 | Supplimentari | 30,888.00 | | 57,391.00 | 30,888.00 | -26,503.00 |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publici/Governattivi | | | | | |
| 0015 | Hwejjeg Ohra | 2,000.00 | 500.00 | | 1,500.00 | 2,000.00 |
| | | 411,351.00 | 378,575.00 | 423,780.00 | 32,776.00 | -12,429.00 |
| 0020 | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 4,158.00 | 3,600.00 | 4,007.00 | 558.00 | 151.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 150.00 | | 311.00 | 150.00 | -161.00 |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | 100.00 | 100.00 | 100.00 | | |
| 0066 | Generali | 9,198.00 | 5,750.00 | 13,452.00 | 3,448.00 | -4,254.00 |
| | | 13,606.00 | 9,450.00 | 17,870.00 | 4,156.00 | -4,264.00 |
| 0090 | **Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 176.00 | 60.00 | 368.00 | 116.00 | -192.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | 176.00 | 60.00 | 368.00 | 116.00 | -192.00 |
| 0100 | **Generali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 431.00 | | 2,469.00 | 431.00 | -2,038.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 2,626.00 | | 2,054.00 | 2,626.00 | 572.00 |
| | | 3,057.00 | | 4,523.00 | 3,057.00 | -1,466.00 |
| | **TOTAL** | 428,190.00 | 388,085.00 | 446,541.00 | 40,105.00 | -18,351.00 |

**Noti:**

•

# 4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall

| | | c | b | a | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2016 ATTWALI € | 2016 ESTMI € | 2015 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI/ESTM € | VARJANZA ATTWALI € |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 7,229.00 | 7,229.00 | 7,048.00 | | -181.00 |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 62,813.00 | 61,333.00 | 59,421.00 | -1,480.00 | -3,392.00 |
| 1300 | Bonus | 6,206.00 | 6,228.00 | 6,079.00 | 22.00 | -127.00 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 350.00 | 349.41 | | -0.59 | -350.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali | 6,160.00 | 5,790.00 | 5,622.00 | -370.00 | -538.00 |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | 5,907.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | 493.00 | 493.00 |
| 1700 | Sahra | 2,420.00 | 2,708.00 | 2,376.00 | 288.00 | -44.00 |
| | | **91,085.00** | **90,037.41** | **86,946.00** | **-1,047.59** | **-4,139.00** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogholijiet ohra** | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (daw l/ilma/tel. etc.) | 4,930.00 | 5,672.00 | 4,645.00 | 742.00 | -285.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 304.00 | 300.00 | 335.00 | -4.00 | 31.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 42,144.00 | 78,800.00 | 42,799.00 | 36,656.00 | 655.00 |
| 2400 | Kera | 1,456.00 | 1,456.00 | 1,456.00 | | |
| 2500 | Shubija f'Ghaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 710.00 | 1,200.00 | 500.00 | 490.00 | -210.00 |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | 2,127.00 | 3,295.00 | 3,078.00 | 1,168.00 | 951.00 |
| 2700 | Trasport | 576.00 | 1,150.00 | 947.00 | 574.00 | 371.00 |
| 2800 | Safar u vvjaggar | | | | | |
| 2900 | Taghrif lill-Publiku | 3,478.00 | 3,030.00 | 2,922.00 | -448.00 | -556.00 |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 174,376.00 | 170,007.59 | 160,393.00 | -4,368.41 | -13,983.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 10,710.00 | 21,105.50 | 23,805.00 | 10,395.50 | 13,095.00 |
| 3200 | Tahrig | | 500.00 | | 500.00 | |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 5,641.00 | 11,430.00 | 11,274.00 | 5,789.00 | 5,633.00 |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | 133.00 | 101.50 | 604.00 | -31.50 | 471.00 |
| 3600 | Local Enforcement System | 19.00 | | 26.00 | -19.00 | 7.00 |
| | | **246,604.00** | **298,047.59** | **252,784.00** | **51,443.59** | **6,180.00** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | | | | | |
| 7200 | Titjib | 83,937.00 | | 86,720.00 | -83,937.00 | 2,783.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 1,108.00 | | 945.00 | -1,108.00 | -163.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | 1,160.00 | | | -1,160.00 | -1,160.00 |
| | | **86,205.00** | | **87,665.00** | **-86,205.00** | **1,460.00** |
| | TOTAL | **423,894.00** | **388,085.00** | **427,395.00** | **-35,809.00** | **3,501.00** |

**Noti:**

-

## 5.1 Kont ta' tifdil

| | € |
|---|---|
| **Bilanc tal-Bank Statement HSBC 009010703 050** | **50,443.16** |
| Depoziti li saru sal-31/12/2016 u li ma dehrux fil-Bank Statement | |
| Tnaqqis ta' 'withdrawals' li saru u li ma deherux fil-Bank statement | |
| **Bilanc fil-kont tal-Bank** | **50,443.16** |

## 5.2 Kont kurrenti

| | € |
|---|---|
| **Bilanc tal-Bank Statement HSBC 009010703 001** | **16,729.31** |
| Depoziti li saru sal-31/12/2016 u li ma dehrux fil-Bank Statement | |
| Audit adjustments | 0.00 |
| Cekkijiet maħruġa l'iżda għadhom ma ġewx imsarrfa | -13,786.93 |
| **Bilanc fil-kont tal-Bank** | **2,942.38** |

## 5.3 Petty Cash

| | € |
|---|---|
| **Flus fl-idejn** | **232.94** |
| Depoziti li saru sal-31/12/2016 | |
| Tnaqqis ta' 'withdrawals' li saru | |
| **Bilanc fil-kont fl-idejn** | **232.94** |

## 5.4 Kont Fixed

| | € |
|---|---|
| **Bilanc tal-Bank Statement HSBC 009010703 104** | **300,000.00** |
| Depoziti li saru sal-31/12/2016 u li ma dehrux fil-Bank Statement | |
| Tnaqqis ta' 'withdrawals' li saru u li ma deherux fil-Bank statement | |
| **Bilanc fil-kont tal-Bank** | **300,000.00** |

## 5.5 Kont kurrenti

| | € |
|---|---|
| **Bilanc tal-Bank Statement BOV 40021345911** | **2,266.54** |
| Depoziti li saru sal-31/12/2016 u li ma dehrux fil-Bank Statement | |
| Cekkijiet maħruġa l'iżda għadhom ma ġewx imsarrfa | -1,585.15 |
| **Bilanc fil-kont tal-Bank** | **681.39** |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

## 6.1 Rapport ta' l-Udituri

# Rapport Anness